**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**FIONA BONDIN NEE FIORINI**

**KUMP NRU 269/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata**, FIONA BONDIN NEE' FIORINI** detentrici tal-karta tal-identita` numru **423476M**, giet akkuzata talli fi Frar 2011, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, u b'diversi atti maghmulin fi zminjijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikommettejt serq ta' flus u oggetti mill-ispizerija Cross Pharmacy gewwa l-Hamrun, ghad-dannu ta' Karen Sciberras, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprijat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

ghad-dannu ta' Karen Sciberras, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laudering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiksa tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-21 ta' Frar 2012 (ara *folio* 181) u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 188);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Qieset is-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

**Ikkunsidrat**;

Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process, u dana peress illi kif inhu f'dan il-kaz, dak kollu li jirrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

Irrizulta sodisfacentement skond il-ligi, 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputata kienet tahdem/impjegata gewwa l-Cross Pharmacy (stabbiliment gestit mill-ispizjara Karen Sciberras) bejn Novembru 2008 u s-7 ta` Frar 2011. Fuq medda

ta` zmien, hija kienet tisraq kemm flus, medicini, u kif ukoll oggetti ohra varji bhal *beauty products*. Parti (anki jekk hija parti zghira) minn dan il-*modus operandi* ta` l-imputata gie maqbud fuq is-sistema ta` CCTV, installata lejn l-ahhar ta` l-impjieg ta` l-imputata fl-istabbiliment imsemmi.

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-abili difensur, illi hawn si tratta tar-reat ta` approprjazzjoni indebita u mhux tas-serq, peress illi l-imputata biddlet in-natura tad-destinazzjoni tal-oggett/oggetti, din il-Qorti tiddikjara li ma taqbilx. F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali (VDG) fis-sentenza moghija fl-20 ta` Novembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija *versus* Godwin Zammit"**, u senjatament :

**Kif inhu risaput, fil-gurisprudenza taghna, gie dejjem ritenut li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta` haddiehor, maghmulha *invito domino*, bi skop ta` lukru.**

**.............**

**Kwantu ghall-approprjazzjoni indebita, galadarba l-appellant kellu l-kunsinna ta`, ossia kien responsabbli minn, <u>il-generalita` ta` l-oggetti</u> li kienu fuq il-post tax-xoghol u ma kienx gie <u>specifikatament</u> moghti l-kunsinna tat-travi in kwistjoni, il-figura tar-reat li temergi hi dik tas-serq (f'dan il-kaz ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur) u mhux ta` l-approprjazzjoni indebita (ara, a propositu, IL-Maesta` Tieghu ir-Re vs Antonio Pisani, Qorti Kriminali 2/12/41, Vol XXXI.IV.299).**

Din il-Qorti pero` ghandha r-rizervi taghha dwar il-valur komplessiv tas-serq mill-imputata u kif pretiz minn Karen Sciberras. Qed jigi allegat li dan il-valur jeccedi l-€100,000. Il-provi f'dan ir-rigward pero` huma tali li din il-Qorti ma tistax serenement tistrieh fuqhom. Dan il-punt ser jigi indirizzat ghal darb' ohra aktar il-quddiem f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Illi dwar l-aggravji tal-persuna u tal-valur din il-Qorti ser tikkummenta s-segwenti. Certament illi l-imputata tikkonfigura perfettament fit-tifsira tal-"persuna" li l-legislatur iddispona fl-Artikolu 268(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Hija kienet impjegata minn Karen Sciberras sabiex tahdem fl-ispizerija ossia stabbiliment bl-isem 'Cross Pharmacy' gewwa l-Hamrun.

Dwar il-kwistjoni tal-valur, din il-Qorti hi tal-fehema illi mir-rizultanzi processwali hareg b'mod evidenti li l-valur totali ta` dak li effettivament hadet/serqet l-imputata a detriment ta` Karen Sciberras kien jeccedi l-€232.94. Dan l-aggravju gie ghalhekk ippruvat sodisfacentement mill-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Ghal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti qed izzomm quddiem ghajnejha s-segwenti.

1. Illi l-imputata abbuzat serjament mill-fiducja li kienet poggiet fiha Karen Sciberras meta tatha impjieg fl-ispizerija;
2. Il-valur tas-serq huwa wiehed konsiderevoli;
3. Illi l-fedina penali ta` l-imputata hija wahda tista tghid nadifa. Madanakollu l-agir u l-komportament taghha jindika livell ta` hazen mhux ta` ftit importanza;
4. Il-fatt li hija ghandha tifel li llum ghandu hmistax-il sena;
5. Il-fatt li, dwar il-mertu ta` din il-kawza, hemm ukoll pendenti kawza civili (rikors guramentat nru.179/2011 MC) fatt dan (tar-rizarciment) li gie sollevat mid-difiza waqt is-sottomissjonijiet finali taghha;

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` serq kif migjub kontra l-hatja huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati/hatja ta` reat kif migjub kontra Fiona Bondin nee` Fiorini, partikolarment fejn il-vittma hija persuna li tat impjieg u afdat, kwazi b'ghajnejha maghluqin lill-hatja, din tkun timmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hatja permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

Din il-Qorti hi tal-fehema wkoll li ghandha tohrog direttiva kif hemm previst fl-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. F'dan il-kuntest pero`, din il-Qorti trid necessarjament tindirizza l-kwistjoni tal-valur, stante li din hija centrali meta wiehed iqis li l-allegazzjoni tal-vittma Karen Sciberras hija li hija sofriet serq f'valur komplessiv ta` aktar minn €100,000 Euro – u konsegwentement din il-Qorti trid necessarjament tara d-dispost ta` l-Artikolu 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fil-mori ta` din il-kawza ma saret ebda talba ghal hatra ta` accountant jew awditur sabiex jistabbilixxi n-numri. L-Qorti ghalhekk ghandha quddiemha dak li qed tallega Karen Sciberras, dak li gab 'l quddiem bhala provi dokumentarji Mario Vella, u dak li jipprezenta lil din il-Qorti l-accountant John Falzon (professjonist ex parte). Din il-Qorti hasbet fit-tul u sejra tippuntwalizza s-segwenti, li ser jigi mbaghad debitament rifless fil-parti tad-decizjoni.

Din il-Qorti hija konvinta mir-rizultanzi processwali, 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-valur komplessiv misruq mill-imputata fil-perjodu li hija damet tahdem gewwa l-Cross Pharmacy huwa ta` aktar minn €5000.

Din il-Qorti hija konvinta, pero` sal-grad tal-probabbli, illi l-valur komplessiv misruq mill-imputata fil-perjodu li hija damet tahdem gewwa l-Cross Pharmacy huwa ta` aktar minn €10,000.

Sa hawn tista tasal din il-Qorti dwar il-kwistjoni tal-valur komplessiv tas-serq.

**Decide.**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 23B, 23C, 31, 293, 294, 310, 261(c)(d), 267, 268(d), 279, 280(1), 281, 28A, 28H u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Fiona Bondin nee` Fiorini mhux hatja tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberaha skond il-ligi, izda ssibha hatja ta` l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u tikkundannaha komplessivament ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum.**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-vittma kif imfissra f'dan l-istess Artikolu tal-Ligi, l-Qorti qed tordna lill-hatja Fiona Bondin nee` Fiorini sabiex thallas bhala kumpens is-somma ta` hamest elef Euro (€5,000) lil Karen Sciberras (Cross Pharmacy) u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva**.

Il-Qorti tat lill-hatja l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hatja thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €477 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Martin Bajada, w is-somma ta` €1325.72 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Anthony Cutajar. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur